Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 298/2012

tat-2 ta' April 2012

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

(ĠU L 99, 5.4.2012, p. 12)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 tas-7 ta' Mejju 2013	L 130	1	15.5.2013

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 298/2012

tat-2 ta' April 2012

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

Suġġett għall-miżuri fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea relatati mas-sistemi ta' verifika doppja u mas-sorveljanza retrospettiva ta' prodotti tessili waqt l-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, wieħed jista' għal perjodu ta' 60 jum jibqa' joqgħod fuq tagħrif vinkolanti fuq it-tariffi maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifika tal-merkanzija fin-Nomeklatura Magħquda u li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Artiklu kompost fil-forma ta' lbies mingħajr kmiem, maħsub biex ikopri l-parti ta' fuq tal-ġisem, li jilħaq sa taħt il-qadd. L-artiklu magħmul minn tliet pannelli, meħjuta flimkien. Kull pannell hu magħmul minn tliet saffi, żewġ saffi ta' barra ta' drapp tessili maħdum ta' fibra artifiċjali (nylon) u saff ta' ġewwa li jservi bħala protezzjoni kontra r-radjazzjoni, magħmul minn taħlita ta' trab tal-antimonu, trab tat-tungsten, kif ukoll jinkludi polimer. It-tliet saffi huma meħjuta flimkien madwar it-truf kollha b'żigarella applikata. Iż-żewġ pannelli ta' quddiem jirkbu għal kollox fuq xulxin, tax-xellug fuq tal-lemin Iż-żewġ pannelli ta' quddiem huma mqabbda ma' xulxin permezz ta' żewġ strippi vertikali twal wesgħin tat-tip "Velcro" ma' quddiem, u żewġ strippi tal-"Velcro" oħra, iqsar, fl-ispalel. Fuq quddiem hemm tliet buttuni li jingħalqu bi klipp, fuq il-lemin, biex jgħinu li l-prodott jinżamm magħluq. L-artiklu huwa tond madwar l-għonq, fuq ix-xellug għandu but fuq is-sider, u spallejn ikkuttunati. (ilbies ta' protezzjoni industrijali u tax-xogħol) (Ara r-ritratti nri 659 A u B) (*)	6211 33 10	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in- ►**M1** nota 7(f) ◄ tat-Taqsima XI, in-Nota 8 tal-Kapitolu 62 kif ukoll il-kliem tal-kodiċijiet NM 6211, 6211 33 u 6211 33 10. L-artiklu huwa maħsub biex jintlibes bħala lbies protettiv kontra r-radjazzjoni waqt attivitajiet professjonali li jkunu jinvolvu l-x-rays. Għandu jitqies bħala lbies ta' protezzjoni industrijali u tax-xogħol, peress li hu maħsub biex jintlibes biss, jew prinċipalment, sabiex tiġi pprovduta protezzjoni għal ilbies ieħor u/jew il-persuni waqt attivitajiet industrijali, professjonali jew domestiċi (are wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni man-Nomenklatura Magħquda għall-Kapitolu 62, Ġenerali, paragrafu 4). L-ilbies protettiv għal kontra r-radjazzjoni huwa inkluż fl-intestatura 6210 tat-Taqsima XI (ara wkoll in-Nota ta' Spjegazzjoni mas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 6210, it-tieni paragrafu. Madankollu, peress li l-artiklu mhux magħmul minn drappijiet fl-intestaturi 5602, 5603, 5903, 5906 jew 5907, il-klassifikazzjoni taħt dik l-intestatura hija eskluża.. Meta wieħed jikkunsidra d-dehra ġenerali tal-artiklu bħala lbies, il-forma tiegħu u l-materjal tat-tessut li minnhom huma magħmula ż-żewġ saffi ta' quddiem, il-klassifikazzjoni skont is-saff ta' ġewwa tal-artiklu hija eskluża. Għalhekk il-klassifikazzjoni taħt il-kodiċi tan-NM 8110 90 00 hija eskluża. Għaldaqstant, l-artiklu għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 6211 33 10 bħala lbies industrijali u tax-xogħol.

(*) Ir-ritratti huma għal għanijiet informattivi biss.

▼B



659 A



659 B